Frar 2017 — Ħarġa 295

# Ħolqa Bejnietna

*Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn*

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali

Sena Fostna
Sant'Anna, Wied il-Għajn
1947 - 2017



*Il-Kelma tal-Kappillan*

## Bewsa lil Ġesù...

"Kemm hi ħaġa sabiħa tara ommijiet jgħallmu lil uliedhom jixħtu bewsa lil Ġesù jew lill-Madonna! F'dak il-ħin il-qalb tat-tfal tinbidel f'imkien ta' talb." Papa Franġisku.

Ix-xahar ta' Frar iġib miegħu l-festa ta' San Valentinu, ħafna jħobbu jiċċelebraw din il-festa tal-imħabba li twassalna biex l-imħabba li aħna nagħtu lil xulxin tibqa' tagħtina l-ħajja u ma tkunx biss imħabba tal-kartolini jew tal-fjuri! Bewsa tiftaħ it-triq sabiex raġel u mara mhux biss iħobbu lil xulxin iżda jaslu biex jagħtu lilhom infushom lil xulxin u aktar minn hekk meta jaslu biex jagħtu l-ulied, li huma xbieha ħajja ta' mħabbithom, u sinjal li jibqa', tal-għaqda ta' bejniethom. L-ulied huma dehra ħajja tal-imħabba tal-missier u tal-omm.

**Imma lill-ġenturi nħobbuhom?**

Qabel m'aħna dak li aħna ma ninsewx li aħna wlied u niżbaljaw jekk fil-ħajja tagħna ninsew inkunu wlied. Ilkoll għandna l-identità ta' iben jew bint. Ilkoll aħna wlied. U dan ifakkarna li l-ħajja ma tajnihiex aħna lilna nfusna, imma rċivejnieha. Fil-familja, l-aħwa jitgħallmu kif il-bnedmin jgħixu flimkien.

**Imma lil ħutna nħobbuhom?**

Forsi mhux dejjem aħna konxji, imma hi propju l-familja li tintroduċi l-imħabba tal-aħwa fid-dinja. Li nikbru flimkien bħala aħwa joffri esperjenza sabiħa ta' għożża fejn ngħinu u niġu megħjuna. Iżda aħna lkoll membri tal-familja wiesgħa li ma tistax titħalla barra. Il-familja li fiha jidħlu l-ħbieb u l-familji ħbieb u anke l-komunitajiet ta' familji li jwieżnu lil xulxin fid-diffikultajiet, fl-impenn soċjali u fil-fidi.

**Imma lil Alla nħobbuh xi ftit?**

Aħna li nemmnu f'Alla b'qalbna kollha nittamaw li hu jgħinna fid-diffikultajiet tagħna. Il-ħsieb ta' Alla jqanqalna u jrattbilna qalbna sabiex bħala l-ulied tiegħu fi ħdan il-Knisja jimxi magħna tul it-triq tal-ħajja, jipproteġina u jħobbna. Dan hu li jżommna ħajjin fi ħdan il-familja kbira ta' Alla li aħna mill-mument tat-tnissil mhux biss ikompli jaħseb fina imma jżiegħel bina bi mħabba ta' Missier.

Ejjew nikkollaboraw mal-inizjattiva ta' Alla, ejjew nivvalurizzaw l-Ispirtu s-Santu li huwa d-don fil-familji tagħna fejn jgħallimna napprezzaw u nitolbu bl-imħabba u s-servizz. Jalla jkollna ħin għall-familja tagħna li llum nafu kemm huwa ħin ikkumplikat u qatt m'hu biżżejjed imma nsibu ħin għall-familja ta' Alla fejn minn bewsa lil Ġesù ngħaddu għal esperjenza personali ma' Ġesù li twassalna għall-imħabba vera lejn missirijietna u lejn ħutna fejn flimkien inkomplu nibnu l-ġid tal-familja wiesgħa tagħna li huwa l-ġejjieni tad-dinja u tal-Knisja.

Kunu mberkin
Dun Roderick
Kappillan



*The English Speaking Community in our Parish*

## Sunday 11am Mass

# at the Rosary Chapel

**Villa Apap Bologna, Marsaskala**

This article is a reflection of my very first impression of the Chapel of Our Lady of the Rosary.

The small chapel is of a traditional Maltese and Greek design and accommodates about 20 to 30 people of various nationalities. It is located on a hill site about five minutes walk or 200 meters from the main parish church.



The chapel is a contemporary expression of faith although decked in an eye catching traditional manner with architecture that is both rhythmic and harmonious. The liturgy of the Mass is held at a very convenient time that suits the needs of foreigner and local alike, allowing ample time to be spent with family on a non working day.

Sunday Mass takes place in a friendly environment where both locals and foreigners have a welcoming smile for new comers, something that is not evident in large countries on a first visit. Mass is said in English in a way that is easily understood and the younger generation is well represented. Everyone is made to feel welcome with no discrimination of any kind. The decoration inside the chapel and the layout of the altar are an attractive and ideal prayer setting.

Many different nationalities attend Mass in this chapel and are made to feel at home with friendly greetings and welcoming smiles. The participation of people of all ages help to set up the chapel before Mass and tidy everything away afterwards with others helping to maintain it in a clean and presentable way.

Regards,
Felix Ronald





*Ħares lejn il-ġejjieni b'tama u kun lest li terġa' tibda tgħix. (Il-Papa Franġisku)*



# *Lectio Divina - Il-Kelma t'Alla tibnik. Ejja ismagħha!*

**Fr Luke Cutajar**

*"Dan hu s-sellum - magħmul minn erba' skaluni - li bih nitilgħu mill-art lejn is-sema. Saqajh iserħu fuq l-art, imma l-quċċata tiegħu tinfed is-sħab u tgħarrex is-sigrieti tas-smewwiet."*

***Guigo ċ-Ċertosin***

**X'inhi Lectio Divina?**

Lectio Divina hija mod ta' kif wieħed jipprofondixxi r-relazzjoni tiegħu m'Alla permezz tal-Kelma tiegħu u ta' kif wieħed 'isir jaħseb bħalma kien jaħseb Kristu' (Fil. 2, 5).

Hija talba li fiha nħallu 'l Alla jibda d-djalogu magħna aktar milli mmorru quddiemu bl-aġenda tagħna. Infatti l-ewwel pass tal-Lectio Divina huwa l-qari tal-Kelma t'Alla fejn wieħed jisma' u jixtarr il-Kelma u mhux sempliċiment jaqraha. Dan isir wara li wieħed jiskot u jpoġġi ruħu għad-dispożizzjoni tal-Kelma t'Alla billi jiftaħ moħħu u qalbu għal Alla u jisimgħu ikellmu bħallikieku kien Alla nnifsu li qed jaqralu l-Kelma tiegħu.

Allura f'dan is-sens naraw kif il-Kelma t'Alla hija indirizzata direttament lil dik il-persuna li tkun qed tirċeviha u kif dik l-istess persuna, fit-talb, twieġeb għaliha b'qalb miftuħa. Huwa biss meta nisimgħu l-Kelma bil-fidi, bit-tama u bl-imħabba li nistgħu nistennew 'l Alla jkellimna.

**L-erba' passi tal-Lectio Divina:**

1. ***Lectio*** - Aqra s-silta u sir midħla sew ta' dak li qed jgħid it-test magħżul.
2. ***Meditatio*** - Aħseb dwar il-Kelma li smajt u ara xi jrid jgħidlek Alla permezz tagħha u kif tista' tapplikaha fil-ħajja tiegħek.
3. ***Oratio*** - Tkellem ma' Alla, iftaħ qalbek miegħu, wieġbu għal dak li qallek permezz tal-Kelma tiegħu.
4. ***Contemplatio*** - Strieħ fil-preżenza ta' Alla u ħallieh jimliek bl-imħabba tiegħu.




**PRIVAT**

**Marsaskala**

**Pure Maths A/I Level**

**Maths / Physics O-Level**

**TEL : 21641633**

**Mob.: 79796770**




 *Ejjew ma nnikktux l-Ispirtu li jurina dejjem toroq ġodda li għandna nimxu minnhom.* (Il-Papa Franġisku)

# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Frar 2017

| | | |
|---|---|---|
| 31 ta' Jannar | | Fl-4.30pm tberik tad-djar fi Triq l-Oranġjo.<br>Wara l-quddiesa tas-6:00pm kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala S. Anna. |
| 2 | Il-Ħamis | Il-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Kandlora. Fis-6.00pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali. |
| 3 | Il-Ġimgħa | L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar.<br>Wara l-quddiesa tas-6:00pm jkollna l-adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija. |
| **5** | **Il-Ħadd** | **Il-5 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 7 | It-Tlieta | Fl-4.30pm tberik tad-djar fi Triq l-Aħdar u Triq l-Ikħal. |
| 10 | Il-Ġimgħa | Is-Solennità tal-Appostlu Missierna San Pawl Patrun ta' Malta.<br>Il-Quddies fil-Knisja Parrokkjali jkun fis-6.30am, fit-8.00am, fid-9.15am, fil-11.30am u 6.00pm. |
| 11 | Is-Sibt | Il-Madonna ta' Lourdes u Jum il-Morda.<br>Fl-10:30am laqgħa ta' Preparazzjoni tal-Magħmudija fis-Sala Sant'Anna. |
| **12** | **Il-Ħadd** | **Is-6 Ħadd ta' Matul is-Sena.** Fl-10:15am Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| 14 | It-Tlieta | Fl-4.30pm tberik tad-djar fi Triq Patri Wistin Born. |
| 18 | Is-Sibt | Fit-8.00pm Attività Soċjali fis-Sala Sant'Anna. Kulħadd huwa mistieden. |
| **19** | **Il-Ħadd** | **Is-7 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 21 | It-Tlieta | Fl-4.30pm tberik tad-djar fi Triq l-Aħmar u Triq il-Kannella. |
| 22 | L-Erbgħa | Party tal-Karnival organizzat mill-Mother and Baby Club fis-Sala Sant'Anna. |
| 25 | Is-Sibt | Il-Festa tal-Beata Maria Adeodata Pisani OSB.<br>Fit-3.00pm Party tal-Karnival għat-tfal fis-Sala Sant'Anna organizzat mill-Kummissjoni Parrokkjali Tfal. |
| **26** | **Il-Ħadd** | **It-8 Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 27 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-quddiesa tas-6.00pm. |
| 28 | It-Tlieta | Fl-4.30pm tberik tad-djar fi Triq ir-Roża u Triq l-Isfar.<br>Wara l-quddiesa tas-6:00pm kulħadd huwa mistieden għal-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna. |
| 1 ta' Marzu | | **Ras ir-Randan – Sawm u Astinenza –** Quddies fil-Knisja Parrokkjali fis-7.00am, fit-7.45am u fil-5.30pm niltaqgħu l-Mużew tas-Subien fejn nibdew il-quddiesa b'pellegrinaġġ bix-xbieha tas-salib sal-Knisja Parrokkjali. Mill-Mużew nimxu għal Triq il-Knisja, Triq San Ġwakkin, Pjazza Dun Tarċis, Triq Dun Frans Bianco għall-Knisja. Nħeġġu lir-residenti ta dawn it-toroq biex jarmaw dawl minn fejn se jgħaddi l-pellegrinaġġ. |

## Tberik u Żjarat fil-Familji dan ix-xahar

Hija drawwa sabiħa li s-saċerdot jiġi d-dar tagħkom biex ibierek il-familja u jwassal il-paċi tal-Mulej. Is-saċerdot jiġi wkoll biex jitkellem mal-membri tal-familja u miegħu taqsmu l-esperjenza ta' Ġesù u l-bżonnijiet tagħkom.

| | |
|---|---|
| It-Tlieta, 31 ta' Jannar | Triq l-Oranġjo. |
| It-Tlieta, 7 ta' Frar | Triq l-Aħdar u Triq l-Ikħal. |
| It-Tlieta, 14 ta' Frar | Triq Patri Wistin Born. |
| It-Tlieta, 21 ta' Frar | Triq l-Aħmar u Triq il-Kannella. |
| It-Tlieta, 28 ta' Frar | Triq ir-Roża u Triq l-Isfar. |

**Biex tagħmel appuntament ieħor ibgħat email fuq parish.marsaskala@gmail.com Grazzi**